NEWSPAPER POST

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAHRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

Mejju – Gunju 1997 Nru. 96

*Il-Kelma ta' l-Arcipriet*

# IL-FEDELTÀ:

## *Possibbli jew mhix possibbli?*

Mhux darba jew tnejn tisma' min jgħidlek: "Illum ma jaqbillekx issewwi l-qadim!" U naħseb li ħafna drabi min jgħid hekk ikollu raġun, għax meta oġġett jagħmel żmienu, l-aħjar ħaġa hi li twarrbu u tixtri ieħor ġdid. Huwa fatt li llum il-ġurnata, oġġett bil-kemm kemm ikun għadu kif ħareġ mill-fabbrika li ma jkunux ivvintaw xi ħaġa aħjar.

Is-Soċjeta' li qed ngħixu fiha hija soċjeta' li fiha kollox jimbidel f'ħakka t'għajn. Xtrajt libsa li wara li forsi ilbistha darba jew tnejn dejjqitek... ibdilha. Għandek il-karozza li kulma jmur qed tagħti *trouble* ma' kull ħaġa ta' xejn... ibdilha. Jekk qiegħed ixxamplat fuq is-sufan tara t-T.V. u programm ma jkunx qed jissodisfak, kemm tagħfas buttuna tar-remote control u tibdel minn programm għal ieħor.

Issib ukoll min jipprova jbellgħalek ir-raċanċ li jkollu. Ikun irid jeħles minn prodott li forsi ma jkunx mexa daqs kemm xtaq. Arah jibdel it-tikketta, jagħtiha kulur ieħor, jibdel l-isem, jistampa reklami bl-addoċċ biex jikkonvinċi lil dawk ta' madwaru li l-prodott tiegħu hu l-ifjen, l-aħjar u l-aqwa. Fil-fatt ħafna reklami li jsiru jkollhom skop wieħed: iġegħluk tixtri l-ġdid, mhux għax għandek bżonnu, imma għal gost li tbiddel....



U aħna, boloh li aħna, nimxu mal-kurrent. Nixtru oġġett, nifirħu bih għal ftit, niddejqu minnu, niġġennu wara xi ħaġa oħra, u arana nerġgħu nibdlu, nerġgħu nixtri l-"ġdid", biex nerġgħu mill-ġdid nixbgħu minnu u nerġgħu nbiddlu....U r-rota ddur u aħna nduru u nistordu magħha.

Sakemm wieħed jixtri CD ġdida u jiddejjaq minnha, ma jkun ġara xejn. L-iktar l-iktar ikun ħela jew rema' ħames liri jew xi ftit iktar. Biss hawn jibda l-gwaj: meta aħna nibdew nagħmlu ma' xulxin dak li nagħmlu bl-affarijiet li nixtru. Ħafna drabi, bla ma lanqas biss nindunaw, nibdew nittrattaw lill-oħrajn b'dan l-istess mod. U meta jiġrilna hekk, allura addio **fedelta'.**

Mingħajr ma nittendu naslu fl-istat li jekk ħabib idejjaqna nibdluh. Kemm koppji ta' żgħażagħ, malli jaraw li r-relazzjoni ta' bejniethom qed tiswielhom sagrifiċċji mhux żgħar, tarahom jibdlu lil xulxin. U min jidra' jagħmel hekk, jasal biex, anke iktar 'il quddiem, jagħmel l-istess mal-mara tiegħu jew mar-raġel tagħha. Illum niltaqgħu ma' nies li jgħidulek: ***"Għalfejn qed toqgħod tgħaġġibha għax forsi tiltaqa' ma' l-iebes fiż-żwieġ tiegħek? Tħabbel moħħok xejn! Aqbad u ibdel ir-raġel jew il-mara! Mela ma tafx li kulħadd għandu dritt iku kuntent? Dan il-ħafna rbit għalfejn? Għalfejn dawn il-ħafna paroli dwar il-fedelta'?"***

☛ *ikompli f'paġna 5*

IL-BELT

VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

Uffiċċju Editorjali:
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel / Fax : 55 63 77

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA` PARROKKJALI

05.05.97: CHRISTIAN, iben Carmelo Vella u Marija nee' Gatt
10.05.97: DORIANNE, bint Peter Paul Theuma u Doris nee' Ellis
24.05.97: GIANLUCA, iben Lawrence Mizzi u M'Stella Grech
24.05.97: EMA MARIE, bint Alfred Borg u M'Assunta nee' Said

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

04.05.97: ANDREW MICHAEL GRILLAGE + JOSEPHINE MARY BUGEJA
18.05.97: MARIO CASHA + TANYA CAMILLERI
31.05.97: RONNIE SACCO + DANIELA CARUANA

## Nifirħulhom !!!

- Nifirħu lil **W.Rev. Kan. (Major) Joseph A. Borg** fl-okkażjoni tal-40 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.
- Nifirħu lil **W. Rev. Dun Anton Borg,** fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.
- Nifirħu lil **W. R. Dun Louis Bezzina** u **Dun Ġorġ Grima** fl-okkażjoni ta' l-20 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom

*Nixtiequlhom Ad Multos Annos!*

~ ~ ~ ~ ~ ~ ~ ~ ~

## SAN ĠORĠ TA' QALBNA

Ħabbejtek wisq San Ġorġ
biex ninsa' ġmielek
u nwarrab fil-ġenb ġieħek!
Int il-Ħarries tal-Belt li tqimek bosta,
Int il-Missier ta' wlied mimlija mħabba!
Rajniek fis-sema tislet mill-għant tiegħek
is-sejf li bih ħarrabt lill-għadu tagħna,
fil-beraħ tas-smewwiet ilmaħna ġmielek
fil-waqt li qribek xtaqt ilkoll tarana.
W llum wkoll ninġabru biex bħal dari
nuruk li Ismek ghadu fil-qlub tagħna
għax f'Ismek irbaħnieh il-għelt, u b'Ismek
kantajna r-rebħ fuq fommna, għax Int kont magħna.

***Geoffrey G. Attard*** *19.04.97*

# Editorjal. . .

## DALWAQT JIEQFU L-ISKEJJEL

Madwar erba' ġimgħat oħra l-iskejjel, mill-kindergartens sa l-universita', jieqfu mill-ħidma tagħhom u l-istudenti u l-għalliema jibdew il-vaganzi tas-sajf, vaganzi twal madwar tlett xhur.

Il-mistrieħ iridu kulħadd. Ix-xogħol ta' l-għalliema huwa xogħol stressanti ħafna iktar u iktar jekk quddiemek ikollok studenti li ma jkunux jridu jitgħallmu jew inkella studenti żgħar ħafna li jkunu jridu attenzjoni kontinwa u kura partikolari. Minn naħa l-oħra wara sena ta' ħidma u tagħlim, magħluqin bejn l-erba' ħitan tal-klassi, l-istudenti wkoll ikunu jistennew bil-ħerqa dan iż-żmien ta' mistrieħ.

Iżda hawn tajjeb wieħed jinnota li kultant dawn il-vaganzi twal iġibu magħhom wkoll xi ftit ta' l-inkwiet għall-ġenituri. L-inċidenti, korrimenti u affarijiet bħal dawn huma komuni f'dawn il-jiem. Il-ġenituri speċjalment dawk li għandhom tfal ta' eta' 'l fuq mill-14-il sena jibdew jitħassbu fejn qed ikunu wliedhom sas-siegħat bikrija ta' filgħodu. Kultant ukoll uliedna jkunu l-vittma ta' nies bla kuxjenza li jisfruttaw l-innoċenza tagħhom u jiskandalizżawhom b'għemilhom u bi kliemhom.

Għandna bżonn nkunu preparati tajjeb għal dan iż-żmien li għalkemm huwa żmien li jkun mistenni għax iġib miegħu l-mistrieħ mix-xogħol huwa żmien li jġib miegħu wkoll perikli kbar għat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna.

❖ ❖ ❖

## BDEJNA L-ĦAMISIJIET TA' QABEL IL-FESTA

Il-Ħamisijiet bi tħejjija għall-festa tal-patrun tagħna u ta' gżiritna San Ġorġ Martri bdew f'nofs Mejju. Din it-tħejjija hija meħtieġa tabilħaqq jekk irridu verament li nagħmlu festa lil San Ġorġ. Tajjeb li ndoqqu l-marċi! Tajjeb li nkunu ferħana! Tajjeb li nżejjnu l-belt tagħna! Tajjeb li jkollna logħob tan-nar moderat! Iżda huwa wisq u qisq iktar importanti li nħejju ruħna spiritwalment għal din il-festa tagħna. Dak in-nhar San Ġorġ irid jarana nifirħu bih u jkollna ġewwa fina ferħ spiritwali li huwa ikbar u ferm iktar importanti minn kull ferħ ieħor. J'Alla fil-festi sbieħ u kbar li nagħmlu lil San Ġorġ jidher fina l-ferħ nisrani li l-martri kollha bħal San Ġorġ, il-Prinċep tal-Martri, kien jiddi fuq wiċċhom fil-mument tal-mewt tagħhom.



**Tfal Subien li rcivew l-Ewwel Tqarbina: It-Tlieta 29 t'April '97**

Thomas Agius, Frank Attad, Remy Azzopardi, Christian Borg, David Borg, James Lawrence Borg, Joseph Buttigieg, Andrew Camilleri, Steve Caruana, Clayton Cassar, George Cassar, Edward Farrugia, Clint Gatt, Glen Gauci, Mark Grech, Anthony Livori, Christopher Mercieca, Joel Portelli, Kenneth Rapa, Joseph Sacco, Samuel Scicluna, Matthew Spiteri, Warren Spiteri, Christopher Tabone, Joseph Tabone, Stephen Vassallo, Andrew Zammit, Nathanael Zammit.



**Tfal Bniet li rcivew il-Grizma ta' l-Isqof: L-Erbgha 30 t'April '97**

Angelique Attard, Daniela Attard, Francienne Attard, Georgina Attard, Joanne Attard, Marie Josette Attard, Ritianne Attard, Therese Attard, Amanda Cachia, Maureen Camilleri, Rosalie Camilleri, Adriana Cassar, Simone Cassar, Eleonora Cauchi, Marie Georgette Farrugia, Morena Farrugia, Ritienne Farrugia, Charlene Formosa, Kathleen Grima, Luisa Livori, Deborah Mercieca, Yana Mercieca, Mariella Micallef, Sue Ellen Mizzi, Jolene Pace, Claire Piscopo, Jolyn Portelli, Michelle Portelli, Nancther Portelli, Miriam Rapa, Marily Said, Anabel Spiteri, Georgette Thewma, Ariane Vassallo, Maria Vella, Melina Vella, Ruth Xerri, Claudia Xuereb, Gorgiana Xuereb.



**Tfal Bniet li rcivew l-Ewwel Tqarbina: It-Tlieta 29 t'April '97**

Joanna Apap, Maria Attard, Naomi Attard, Stephanie Attard, Maronia Azzopardi, Stephanie Azzopardi, Anna Maria Borg, Anthea Borg, Antonella Borg, Charlene Bugeja, Gabriella Buttigieg, Ylenia Caruana, Judith Nicola Cordina, Lyanne Falzon, Elena Farrugia, Georgeanet Farrugia, Joanna Fenech, Maria Fenech, Claire Formosa, Katya Galea, Alessandra Grech, Judith Grech, Claudia Haber, Angie Mercieca, Charmaine Mercieca, Lorika Mercieca, Sarahann Mercieca, Josephine Mifsud, Cynthia Pace, Monica Parnis, Katrin Marie' Pavia, Maria Portelli, Roberta Portelli, Lara Vella, Nicole Vella, Janica Xuereb, Melissa Xuereb, Melanie Zammit.



**Tfal Subien li rcivew il-Grizma ta' l-Isqof: L-Erbgha 30 t'April '97**

Christian Attard, Francesco Pio Attard, George A. Axiak, Derek Azzopardi, Michael Bongailas, Simon Cachia, George Caruana Xerri, George Caruana Xuereb, Frank Casha, Ronald Cassar, Marvin Cremona, Antoine Farrugia, Marvic Gafà, Neville Galea, Marlon Grech, Richard Grech, Mark Grima, Sharlon Mercieca, George Muscat, Matthew Ray Muscat, Benjamin Pavia, Kenneth Rapa, Joseph Scerri, Joseph Schembri, Charlie Vella.



# STATWA ĠDIDA TA' KRISTU RXOXT FIL-BAŻILIKA TAGĦNA

Jum il-Għid il-Kbir ta' din is-sena żgur li jibqa' mfakkar għal ġrajja tassew kbira u sabiħa. Statwa ġdida, skolpita fl-injam, ta' Kristu Rxoxt ġiet regalata lill-Bażilika ta' San Ġorġ mis-Sur Anton Attard u martu Frances u l-familja tagħhom. Din l-istatwa ġiet skolpita mill-artista Għawdxi l-iskultur Kav. Alfred Camilleri Cauchi. Il-Kuntratt tal-Għotja sar fid-dar tal-familja Attard fi Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria, f'Ħadd il-Għid, fil-10.00am quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. Kristen Dimech LL.D.. Dritt wara l-istatwa ġiet akkumpanjata mill-Banda Ċittadina La Stella mat-toroq ta' Beltna u ġiet imbierka mill-Arċipriet Mons. Salv Borg, quddiem il-Bażilika. Nieħdu din l-okkażjoni sabiex nroddu ħajr lis-Sur Anton u lis-Sinjura Frances Attard kif ukoll il-familja tagħhom li għoġobhom jagħtu dan ir-rigal hekk kbir u ta' valur.

*(Rapport iktar dettaljat jingħata fil-ħarġa li jmiss.)*

# LEJN IS-SENA 2000

# ĠESÙ - IL-BIERAĦ, ILLUM U DEJJEM

*kitba ta' Rino Fisichella*

F'dawn is-snin ta' tħejjija għall-Ġublew, ta' spiss qed nisimgħu l-kelmiet tassew sinifikanti: "Ġesu` Kristu huwa dejjem l-istess: il-bieraħ, illum u dejjem". Il-Papa Ġwanni Pawlu II ried dan ikun il-motto tas-Sena Mqaddsa. L-Ittra Apostolika tiegħu ***Tertio millenio adveniente*** tagħlaq b'din l-espressjoni.... li kważi kważi tinsab għaddejja kontinwament matul l-Ittra kollha. Din il-frażi hija meħudha mill-Ittra lil-Lhud, fejn l-awtur sagru jħabrek sabiex igħin lil dawk li jemmnu sabiex jifhmu fil-fond il-fidi. Din ma hijiex teorija astratta, iżda Persuna: Ġesu` Kristu. (Lhud 13, 7-8) . Huwa jikkostitwixxi il-pedament ta' l-esistenza li temmen u twassal id-dawl lill-misteru ta' kull persuna. Hu dejjem l-"istess", jiġifieri jibqa' fl-istabilita' proprja ta' l-immutabilita' divina. Safrattant, il-Persuna hi mitfugħa dinamikament fiż-żmien: *il-bieraħ, illum u dejjem.*

Il-kelma l- "bieraħ" ma għandiex toħloq ekwivoku. Fil-fatt, l-awtur sagru ma għandux il-ħsieb li jitkellem dwar xi ġrajja magħluqa, bħallikieku kienet xi ħaġa xi ġrajja ta' elfejn sena ilu, li t-tiftix arkeoloġiku u t-tifkira storika biss kapaċi jerġgħu jagħtuha l-ħajja.

Għal kuntrarju "*Il-Bieraħ*" , jindika l-ewwel mument tal-laqgħa. "*Il-Bieraħ* " li jwassal lil kull bniedem għall-esperjenza oriġinarja li fiha aħna twelidna għall-fidi. Hu l- *"Bieraħ"* li jappartieni għall- *memorja,* u mhux għat-tifkira. *"Il-Bieraħ* " li jibqa' jinżamm ħaj mil-lum, li jipproponih bla mittiefes daqs li kieku ż-żmien baqa' ma għaddiex. Għal bniedem li jemmen *"il-bieraħ"* hu l-bidu tat-twemmin, il-mument l-iktar sinifikattiv



għaliex jagħtina dik l-esperjenza li nkunu soġġetti għall-azzjoni tal-grazzja li titrasforma u tikkonverti.

Dan iwassalna sabiex nenfasizzaw *"illum"* tal-fidi. Hemm diversi modi li bihom tiġi proposta mill-ġdid għall-fidi l-persuna ta' Ġesu` Kristu. Espressjoni mill-iżjed fundamentali hija mogħtija mill-maturazzjoni tal-fidi li quddiem il-kobor immens tal-misteru, tiġbor fiha f'diversi żmenijiet, elementi mill-aqwa. L-istorja tad-domma turina din id-dimensjoni. Mill-fidi tal-bidu, tiżviluppa u timxi 'il quddiem taħt il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, il-kuxjenza li temmen li tidħol dejjem iżjed fil-fond ta' l-abbiss tal-misteru. F'dan is-sens, jeħtieġ li ninterpretaw id-diversi "faċċati" ta' Kristu li magħhom niltaqgħu fl-istorja tal-Knisja.

■ **It-titoli differenti** li jiġi mogħtija lil Ġesu' ma jagħmlux ħaġa oħra għajr ipoġġu iktar fil-beraħ il-kobor tal-misteru u l-impossibilita' tagħna li niddominawh fil-ġewwieni tal-lingwaġġ. Il-madwar 200 titolu li magħhom niltaqgħu fit-testi tat-Testment il-Ġdid, fil-Liturġija u fis-Santi Padri, juruna l-linji ta' l-uniku wiċċ ta' Kristu li l-moħħ tal-bniedem ma jasal qatt itemma, jekk mhux bil-qerda ta' dak li qed iżommu jgħix. Fl-aħħar, jibqa' imwaħħal fl-istorja il-wiċċ tal-Kurċifiss, li jipprova jdaħħal il-bniedem fi triq li l-istess bnieden jagħmel ħiltu kollha sabiex jaħrab minnha: l-aċċettazzjoni tal-mewt bħala passaġġ meħtieġ għall-ħajja.

Forma oħra ta' presenza f'"*illum*", hija l-liturġija, li permezz ta' l-"*anamnesi*", tagħmel il-misteru ħaj u kontemporanju. Anamnesi hija forma reali u konkreta ta' għarfien għaliex hija mimlija bi spirtu, li bogħod minn kull forma ta' ripetizzjoni ċiklika, tippermetti li nilqgħu l-ġrajja tal-mewt u tal-qawmien tal-Mulej b'mod dejjem iktar uniku u rrepetibbli. Infatti, permezz ta' l-anamnesi aħna naraw il-kontemporanjieta` tal-ġrajja li tinserixxi ruħha f'waħda dinamika li tiffavorixxi l-possibilita` li nagħrfu f'daqqa il-bidu u t-tmiem ta' kull ħaġa. Bidu li jiġi mill-att kreattiv ta' Alla u tmiem mistenni fir-ritorn glorjuż tal-Mulej. Il-memorja liturġika iżżomm bla mittiefsa il-ħajja tal-fidi u tissupera kull forma ta' dimentikanza. L-għadu li jeħodha kontra l-anamnesi huwa x-"*xejn*" Iżda, safrattant, l-istess "*xejn*" quddiem il-ġrajja dejjem ħajja tal-fidi jagħraf it-telfa tiegħu. **"Inħabbru l-mewt tiegħek Mulej, inxandru bil-ferħ il- qawmien tiegħek, nistennewk sa ma tiġi fil-glorja"** tibqa' bħala l-kundizzjoni dejjiema tal-Poplu ta' Alla.

Ix-xhieda ta' karita' li jagħtu dawk li jemmnu, turi "*illum*" tal-fidi u l-qawwa tagħha. Fidi mingħajr xhieda tixbaħ lil siġra tal-frott li tagħti biss il-weraq. Sbieħ il-weraq, iżda ma huma ta' ebda ħtieġa għan-natura tagħha. M'huwiex xi fula maqsuma l-fatt, li dak li l-aktar jolqot il-kredibilita' ta' dawk li jemmnu huwa x-xhieda tagħhom fid-diversi forom tal-volontarjat. Kura tal-fqar, għajnuna lill-morda, ix- "*sharing*" ma' min qed ibati jew hu emarġinat, disponibilita' li tisma' dak li ħadd ieħor ikollu x'jgħidlek... dawn huma kollha sinjali li juru s-sbuħija ta' l-imħabba li temmen. Huwa veru li dejjem jibqa' l-periklu li anke f'dawn il-każijiet wieħed jibqa' jħossu waħdu. Ħadd ma jistax jiċħad li l-forom ta' volontarjat huma toroq diffiċli u jitolbu minna ġenerożita' kbira. Ma nistgħu qatt ninsew li, ħafna drabi, is-sagrifiċċji kbar għandhom ukoll in-naħa l-oħra tal-medalja, u jippermettulna li nerġgħu lura lejn djarna filgħaxija, għajjenin, iżda kuntenti. Dak li jagħti s-saħħa lix-xhieda biex din tagħti l-frott tagħha huwa meta nirrendu viżibbli il-fidi tagħna fi Kristu. dan jikkostitwixxi il-pedament tal-fidi u jmexxiha dejjem iżjed lejn orizzonti ġodda.

It-tagħlim ta' San Pawl fl-Innu tiegħu lill-Imħabba *(1 Kor 13, 1-7)* ma jistax jitħalla għaddej qisu qatt ma kien xejn. Jistgħu jiġu miftuħa ħafna *hostels*, jistgħu jiġu mmultiplikati n-numru ta' ikliet li jingħataw lil dawk li huma mġewwħa, jistgħu jiġu mqassma eluf ta' gvieret u jista' jingħata kenn lil eluf ta' nies li ma għandhomx saqaf fuqhom, jekk kemm il-darba f'dawn l-affarijiet kollha ma tidhirx l-imħabba għal Kristu u l-għarfien tal-wiċċ tiegħu f'dak il-fqir, kollox iku vojt u ma jkun hemm l-ebda frott. Huma ħafna li jwettqu dawn l-affarijiet li semmejna f'isem is-solidarjeta', u huma ħafna li kapaċi ferm aktar minna biex iwettqu dan kollu f'isem id-dinjita' tal-bniedem. Jekk kemm il-darba m'hemmx imħabba għal Kristu, kollox jispiċċa fix-xejn.

Ġesù Kristu għandu jkun l-istess "*illum* " fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna, bħalma kien il-"*bieraħ* ". Is-sejba tal-mument li mmarkat il-laqgħa tagħna miegħu jeħtieġ li tinżamm bla mittiefsa u ma tkun qatt suġġetta għall-qerda minħabba ż-żmien. *"Fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm tinsab qalbek"*; dan għandu jipprovoka l-esistenza ta' min jemmen sabiex ifittex spazju ta' tifsira li fuqu jibni il-ħajja.

Għal dawk kollha li qed ifittxu tweġiba għall-mistoqsija dwar is-sens sħiħ tal-ħajja, il-fidi ħajja u operanti ta' dawk li jemmnu tista' tkun tweġiba effikaċi. L-istess bħall-ewwel dixxipli fil-Pentekoste, hekk ukoll dawk li jemmnu llum għandhom quddiemhom l-istess dilemma: jekk jibqgħux magħluqa il-ġewwa mill-ħitan mdallma taċ-Ċenaklu jew ikella jifthux beraħ il-bieb sabiex ikun jistgħ"jsiru missjunarji tal-ħajja. Ġesù Kristu "*illum* " jgħidilna li hem tweġiba waħda. Ilkoll kemm aħna nafu liema hi. hawnhekk tibda' l-istorja tad-***"distinguo"*** u ta' l-interpretazzjonijiet li jwaqqfu r-radikalita' evanġelika u *"jitfgħu l-Ispirtu"* (1 Tess. 5, 20) . Hawnhekk għandna quddiemna l-kredibilita' tagħna nfusna bħala bnedmin li nemmnu. Din hija realta' viva tal-preżent jew ġrajja mejta tal-passat?

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

*Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

# IL-FEDELTÀ:

***Possibbli jew mhix possibbli?***

Irridu noqgħodu ħafna attenti. Din il-mentalita' tinsab diġa fostna u qed tħalli l-effetti ħżiena tagħha. Tort kbir għandhom il-ħafna "soap-operas" li naraw fuq it-T.V., tista' tgħid ta' kuljum, matul il-ġurnata kollha. Jisquna velenu f'dożi żgħar, imma li l-effett tiegħu huwa fatali. Ħafna drabi niltaqgħu wkoll ma' nies li jkunu għaddew minn din l-esperjenza, u dawn, biex donnhom jiġġustifikaw lilhom infushom, irewwħu din il-mentalita'.

Jekk allaħares qatt tirbħek din il-mentalita' tispiċċa biex issir pupu.... oġġett!! Tixtru u tbiegħ.... tinxtara u tinbiegħ.... tintrema u tingħasar. Oġġett bla siwi... Ħolma ta' mument.... Farfett fuq warda, jerda', jitlaq u jinsa'.

Jeħtieġ inżommu quddiem għajnejna li jekk aħna ma rridux irbit, sinjal li qalbna ma tafx tħobb. U hawnhekk ta' min isaqsi: Jekk ma nafux inħobbu, kif ser insibu min iħobbna?

Kittieb ta' żmienna, li jinsab f'kuntatt kontinwu ma' koppji miżżewġa igħid: ***"Min ma jafx x'inhi fedelta', joqgħod attent li l-bieb mnejn ikun daħal jibqa' miftuħ... biex malli jsib l-iebes... jaħrab!!***

X'mediċina ser nieħdu biex nikbru dejjem fil-fedelta'?

Alla Hu fidil għall-kelma li tagħna.... Mhux ser jerġa' lura minnha... Hu jgħidilna dawn il-preċiżi kelmiet:

*"Ktibt ismek fir-ramel. Fis għeb, għax żiffa tajjritu u mewġa ħassritu...*

*Naqqaxt ismek fuq siġra. Dam ftit, sakemm marda ħakmitha u l-qoxra qerditha...*

*Skolpejt ismek f'irħama. Dam żmien, sa ma l-vina xxaqqet u l-ħaġra nqasmet...*

*Ħbejt ismek ġo qalbi. Fi skiet inti sirt tiegħi u ż-żmien kabbrek miegħi....*

*U jien ser nibqa' fidil lejk... Nittama li anke int tkun fidil dejjem għal kelma li tkun tajt"*

Mons Salv Borg



# Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,

Ftit ilu semmejna l-eżamijiet ta' Nofs is-sena. Illum ma nistgħux ma nsemmux l-eżamijiet annwali għax dalwaqt jibdew, jekk mhux diġa bdew. Għandi nifhem li lkoll kemm intom tinsabu mhejjija tajjeb għalihom. Xi drabi niltaqa' mal- ġenituri tagħkom u jgħiduli li xi whud minnkom ittraskuraw xi ftit u marru lura mill-aħħar eżami 'l hawn. dan żgur li ma għandux ikun. Anzi, lkoll kemm intom għandkom id-dmir li timxu 'l quddiem u tagħmlu progress. Li tmorru lura mhux sinjal sabiħ. Dan ifiser li tkunu ntlaqtu xi ftit u tliftu ħafna mis-serjeta' tagħkom. Mela qisu li tagħmlu ħilitkom kollha biex fl-eżamijiet li ġejjin ma toħorġux diżappuntati u l-anqas tiddiżappuntaw lill-ġenituri tagħkom. Ftehimna?

Issa, aqraw din l-istorja.

Matul l-aħħar gwerra, fi Franza, ġara fatt li baqa' jissemma' fl-istorja. Lejla wahda, Mrs. Harrison Dulles, Amerikana li kienet tgħix fi Franza, ġiet imqajma b'taħbit qawwi mal-bieb. Żewġha ma kienx id-dar. Beżgħet tiftaħ. Qrib tagħha, rieqed trankwill kien hemm binha ta' 8 snin. It-taħbit baqa' jiżdied. Ittawlet mit-tieqa u isfel fit-triq tara xi suldati ġermaniżi.

Qalbha ħebritha li kien inqala' xi nkwiet. Niżlet isfel, fetħet u dawn ordnawlha tmur magħhom. Ma ridux jgħidulha la fejn ser jeħduha u anqas għaliex kienu ġew għaliha. Qalulha biss li kellha ġġib magħha lil binha u li kienet mixlija b'ħidma kontra n-Nażi. Qajmet lit-tifel, telgħu fit-*truck* u telqu.

Waqfu f'moxa kbira. L-art kienet miksija silġ, iżda s-sema kien sabiħ. Poġġewhom ħdejn ħajt baxx u l-uffiċċjali ordna lis-suldati biex ilestu ħalli jisparawlhom. L-omm immutat bil-biża'. Ma riditx temmen lil għajnejha. Ħassitha qed tgħid f'ħolma kerha. Ħaddnet lit-tifel magħha u bdiet twerżaq li kienet innoċenti.

"Oqtlu lili, iżda lil ibni ħalluh... jewwilla ħadd minnkom ma għandu wlied?"

It-tifel intebaħ li ommu kienet qed tibża'.

Is-surġent sema' lit-tfajjel jitkellem.... kliem l-omm kien għadu jżarżar f'widnejh... dar lejn is-suldati u ordalhom iniżżlu l-azzarini. Imbagħad ħares lejn il-mara:

"Tistgħu tmorru... Intom ħielsa!"

Mrs. Harrison għadha sal-lum ma tafx x'ġiegħel lill-kmandant jibdel l-ordni.... forsi kien kliemha... forsikien kliem it-tifel.... forsi kien il-Mulej li ra l-fiduċja tat-tifel u ma ħalliehx waħdu!

Qegħdin taraw, tfal? Bħal dan it-tifel ċkejken għandu jkollna fiduċja kbira u sħiħa f'Alla li tant iħobbkom.

Sa kemm nerġgħu niltaqgħu, nixtieqilkom ilkoll saħħa u riżultati tajbin fl-eżamijiet.

Tata'. Iż-Zijù Peppi

## MILL-QASAM TA' L-ARTI F'SAN ĠORĠ 9

- mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap -

## ROBERTO CARUANA DINGLI (1882 - 1940)

Roberto Caruana Dingli, iben il-Maġġur Rafael Caruana Dingli u martu mwielda Garroni, twieled il-Belt Valletta fit-8 ta' Diċembru 1882. Huwa studja l-arti f'Malta taħt Ġużeppi Cali'. Wara xi snin jistudja telaq lejn l-Ingilterra fejn ħadem bħala artist u disinjatur ma' l-istamperija ta' **Gilbert Whithead & Co. Ltd.** Minn hawn. Robert għamel il-kuraġġ, u kompla l-istudji tiegħu fejn ġie mibgħut fl-Iskola ta' l-Arti ġewwa Londra. Wara beda jaħdem fil-"Cartoons" għar-Rivisti **"Punch"** u **"The Tatler".** Roberto Dingli kellu talent artistiku kbir u ddedika ħajtu għall-arti. Kiseb isem bħala Inċiżur u Karikaturista.

Fl-1912 ġewwa l-*Auberge de France* fi Triq Nofsinhar, fil-Belt Valletta, meta f'din l- *Auberge* kien hemm id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, nżammet wirja ta' xogħolijiet ta' Artisti Maltin. waqt din il-wirja, Ġuże' Muscat Azzopardi, li kien ic-*Chairman* tal-Kumitat Organizzattiv kiteb dan li ġej fil-ġurmal "Il-Ħabib" tal-1 ta' Marzu 1912: *"Meta aħna nsemmu l-ismijiet ta' dawn l-artisti li tant nammiraw xogħolhom, inpoġġu fil-quċċata tal-lista l-isem ta' Roberto Caruana Dingli. Impoġġuh hemm għax inħossu li għandna nsellmulu qabel l-oħrajn kollha".*

Fl-1925 Roberto rebaħ Kontest Pubbliku ta' l-Arti u ġie magħżul bħala Deputat Direttur ta' l-Iskola ta' l-Arti f'Malta. Bħala Professur ta' l-Arti kien responsabbli għat-tagħlim tat-tpinġija bil-lapis u bil-kuluri ta' l-ilma. Fost il-ħafna artisti magħrufin li kienu studenti ta' Roberto Caruana Dingli ta' min isemmi lil Anton Inglott, Willie Apap, Ġorġ Preca, Giuseppe Arcidiacono, Emvin Cremona, Esprit Barthet, Antoine Camilleri u Ugo Carbonaro.

Id-disinji ta' R. Caruana Dingli jidhru fil-kotba: *"Outlines of the Maltese History"*, *"The Melita Reader"* u *"Ġabra ta' Ward"*. Ħallielna bosta opri sbieħ tiegħu ta' pittura u inċiżjonijiet. Roberto, bħal huh Edward, ġej minn ġenerazzjoni ta' artisti lokali li kienu dominati mill-pittur Ġużeppi Cali' fejn dam fix-xena ta' l-Artu sa' wara s-snin 1930.

F'Ottubru tal-1916 Roberto żżewweġ lil Carmela Aquilina, fejn għexu f'Nru. 22, Triq Stella Maris, tas-Sliema. Huma kellhom ħames t-itfal: erbgħa subien u tifla, li kien jisimhom: Ugo, Elena, Ġorġ, Mario u Ġanni. Fl-1916, is-Soċjeta' ta' l-Arti u Manifattura u tal-Kummerċ tat il-Medalja tad-Deheb u d-Diploma għat-tpinġija, u fl-1923, Roberto rebaħ il-Medalja tal-Fidda ta' Wirja Preliminari ta' Malta, u fl-1924 il-Medalja tal-Fidda tal-Wirja ta' l-Imperu Ingliż.

Roberto Caruana Dingli miet fid-dar tiegħu fi Triq San Duminku tas-Sliema fit-18 ta' Frar 1940, fl-għomor ta' 57 sena.

Il-pittura ta' Roberta Caruana Dingli tinsab f'diversi knejjes f'Għawdex. Fil-Knisja Arċipretali u Matriċi taż-Żebbuġ insibu tliet Kwadri ta' l-Altari. Fil-Parroċċa ta' Kerċem insibu l-kwadri laterali tal-Kor. Fil-Parroċċa tal-Fontana nsibu l-pittura tal-Koppla , bl-Erba' Evaġelisti u l-pittura kollha tas-saqaf tal-Kor inkluża wkoll l-arzella. Fil-Parroċċa tal-Munxar insibu il-kwadru titulari u kwadri oħra. Fl-1920, Roberto Caruana Dingli kien pitter l-arzella tal-Kor tal-bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ. Huwa kien kiteb *"Primo Mio Lavoro" - "L-Ewwel Xogħol Tiegħi"*. Illum din l-abside tinsab mgħottija bil-pittura fuq it-tila tal-Profs. Gian Battista Conti. Fl-Awla Kapitulari nsibu kwadru żgħir ta' San Ġorġ. Fis-sagristija tal-Kapitlu nsibu żewġ kwadri ta' l-arċipriet Feliċ Refalo u ta' l-Arċipriet Alfonsu Marija Hili. Fis-Sagrestija tas-santwarju tal-bażilika ta' Pinu kemm kwadru tal-Pittur R. Caruana Dingli.

*Bibliografija:*

1. Mario J. Caruana: Caruana Dingli - Artista
2. Rob. Mifsud Bonnici: Dizzjunarju Bijo-Bibliografiku.

# Il-Kunċert tal-“Chorus Urbanus” fil-Ġimgħa l-Kbira

Għal darba oħra, il-"**Chorus Urbanus**" żamm l-appuntament tiegħu mal-parruċċani tal-Bażilika ta' San Ġorġ, b'Kunċert ieħor kbir, nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu 1997.

Dan il-kunċert bl-isem ta' ***"Et Crucifixerunt Eum"***, kitba u produzzjoni tal-Kav. Joe M. Attard sar bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill tal-Kultura (Segretarjat parlamentari għal Għawdex).

Bi kliem mirqum u f'postu, is-Sur Attard ta tagħrif siewi fuq dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Ġimgħa l-Kbira fil-Letteratura. Fl-istess waqt inqraw poeżijiet fuq is-suġġett minn Pauline Bezzina, George Borg u Anton Said.

F'din is-serata ġew esegwiti ħames siltiet mużikali, adattati ferm għal dawn il-granet, bis-sehem tal-"Chorus Urbanus" u s-solisti, s-Sopran Yvonne Galea, it-Tenur Mario Portelli u -Baxx Noel Galea.

Fil-bidu l-Kor kanta ***"Vexilla Regis"***. Mill-***"Mosè"*** ta' Rossini tkantat is-silta ***"Dal Tuo Stellato Soglio"***, bis-sehem tal-Kor u s-Solisti. Mill-pinna ta' Ghedini, l-Kor tana interpretazzjoni ta' ***"Recessit Pastor Noster"***, filwaqt li l-Baxx kanta ***"Pro Peccatis"***, mill-***"Stabat Mater"*** ta' Rossini.

Iżda l-aktar biċċa xogħol mistennija kien ix-xogħol ta' Bruckner, ***"Christus Factus Est"***, fejn il-Kor ta prova ta' l-isem li jgawdi fil-qasam tal-Kultura Mużikali Korali ta' pajjiżna. Dan jagħmel ġieħ mhux biss lilu, imma lill-Bażilika tagħna u lil gżiritna.

Dan il-Kunċert kien suċċess mija fil-mija u wera l-ħila u l-professjonalita' tas-Surmast John Galea, is-solisti u l-Kor kollu kemm hu. Xhieda ta' dan kienu l-applawsi wara kull silta u l-awguri ta' dawk kollha preżenti wara l-esekuzzjoni tal-Kunċert. Din is-siegħa Kunċert ta' Mużika u qari, taw l-isbaħ ċertifkat lil persuni konċernati.

L-entużjażmu li seħħlu jqanqal dan il-Kunċert jawgura tajjeb għall-Kunċert ieħor kbir li l-"**Chorus Urbanus**" ser jagħti mat- ***"Thoresby Brass Band"*** ta' Nottingham fil-Bażilika ta' San Ġorġ, nhar il-Ġimgħa 11 ta' Lulju. ■

# MACBETH

*jaqbad minn paġna 8*



Macbeth matul it-tlett atti li fihom isseħħ il-qalba tat-traġedja. Min ġie għal din l-opra żgur li f'moħħu ma' kellu l-ebda dubju dwar il-kapaċita' tal-Kor tat-Teatru Astra, mgħallem minn **Maria Frendo,** u b'mod speċjali mis-sezzjoni femminili tiegħu. Din il-kapaċita', bravura u kompetenza dehru fl-aqwa tagħhom f'din l-opra. Kulħadd baqa' ammirat bil-preċiżjoni, dixxiplina u professjonalita' tal-kor speċjalment fix-xenx diffiċli ta' l-ewwel u tat-tielet att. Il-movimenti bla ma jaqtgħu tal-kor li fl-istess waqt kien impenjat f'partijiet vokali ferm delikati sew għat-tonalita' kif ukoll għar-ritmi mqanqlin u kontrastanti, mhux biss kienu konvinċenti, iżda ukoll komplew ikkumplimentaw perfettament dawk tal-primarji.

Mhux ta' b'xejn li l-kritiċi stqarrew li din ir-rappreżentazzjoni tixraq lil kull teatru prestiġjuż tal-lirika barra minn malta. Il-**Kor** flimkien mal-primarji taw wirja vokali u xenika mill-aqwa u rregalaw lill-pubbliku b'żewġ finali fl-ewwel u fit-tieni att li bla dubju kienul-aqwa u l-ogħla livell li qatt intlaħaq fir-rappreżentazzjonijiet liriċi f'pajjiżna f'dawn l-aħħar snin. L-istess jingħadd għall-kor famuż *"Patria Oppressa "* li fih il-kor kien il-protagonista u ħareġ b'interpretazzjoni impekkabbli.

Biex setgħet tirnexxi fl-integrita' tagħha, l-opra mhux biżżejjed li kellha l-kor u l-primarji mill-aqwa, iżda l-elementi kollha kellhom ikunu jaqblu. ix-xeni u l-kostumi, ideati mir-reġista **Joseph Bascetta** u maħduma minn **Joseph Cauchi** u *team* ta' fuq il-palk u minn **Doris Farrugia** u *team* ta' ħajjata ta' esperjenza rispettivament flimkien ma' **Manwel Grima** u **George Farrugia,** ħolqu kuntest mhux biss fil-ġeneralita' tiegħu iżda ukoll fid-dettalji u għenu mhux biss għall-ambjentazzjoni korretta storika tat-traġedja iżda wkoll esprimew id-drama intern li kien għaddej bejn il-protagonisti. F'dan il-kamp ħareg tajjeb ferm il-kontroll tad-dawl taħt id-direzzjoni ta' **Michael A. Galea** u **George Zammit** li kien fundamentali sabiex jinħoloq sens ta' omoġeneita' u kompletezza tax-xeni diversi kif ukoll tat-totalita' tar-rappreżentazzjoni.

Tassew li r-reġista **Joseph Bascetta** li finalment flimkien mas-Surmast kunċertatur u direttur il-**Prof. Joseph Vella** kienu responsabbli ta' l-opra, ħaqqhom kull tifħir għall-mod maġistrali u eżemplari li bih mexxew il-kampijiet rispettivi tagħhom. **Bascetta** irnexxielu joħoq *"show"* mill-aqwa u min ma kien jaf xejn dwar il-*Macbeth* seta' jsegwi bla ebda diffikulta' l-iżvolġiment tad-drama intern li mingħajru l-opra kienet taqa' fl-ewwel ħames minuti. L-istess jingħadd għal **Prof. Mro. Joseph Vella** li il-kapaċita' interpretattiva tiegħu hi indiskussa, għal mod li bih irnexxielu joħroġ mill-orkestra Taljana dinamika ferm wiesa' ta' kuluri li poġġew din l-opra fi klassi għaliha. Tassew li l-orkestra mhux sempliċement "qrat" il-parti tagħha b'mod korrett u preċiż, iżda interpretat l-ispirtu li janima l-mużika meraviljuża ta' Verdi.

Mhux ta' b'xejn li nkiteb minn wieħed mill-kritiċi li *"din l-opra kienet rivelazzjoni"*: wirja ta' professjonalita', brillanza, bravura u mudell għall-rappreżentazzjonijiet liriċi fil-futur fi gżiritna. ■

# MACBETH

## l-akbar traġedja ta' Shakespeare: l-aqwa opra fl-Astra



**Il- "*Macbeth*" fit-Teatru Astra: unur kbir għall-Management: għas-Soċjeta' La Stella; għal Għawdex u għal Malta.**

Kif igħidu l-Amerikani, "*Nothing succeeds like success*". Tassew, " min ma ġiex jara l-***Macbeth*** ma jafx x'tilef!" Dan kien il-kumment li għadda minn fomm għall-ieħor fost il-mijiet ta' entużjasti ta' l-opra lirika li ħonqu s-sala spazjuża u komda tat-Teatru Astra, nhar is-Sibt 17 u l-Ħadd 18 ta' Mejju. Iż-żewġ produzzjonijiet tal-"***Macbeth*** " qabżu sew il-livell diġa għoli ta' produzzjonijiet liriċi fit-Teatru Astra, u bħalma nkiteb minn kritiċi ewlenin fil-gazzetti lokali, dawn saru l-kriterju l-ġdid li miegħu għad iridu jitkejlu s-suċċessi ta' rappreżentazzjonijiet liriċi fil-futur fil-gżejjer Maltin.

Il-*Management* tat-Teatru Astra li dejjem wera inizjattiva kbira u sens ta' direzzjoni ċara, din id-darba daħal għall-sfida mhux żgħira u ħareġ bl-unuri kollha. Jekk kull rappresentazzjoi lirika fiha taħbil-il moħħ u titlob impenn serjissimu biex tirnexxi, iżjed kienet tinvolvi riskju din l-opra. Dan għaliex il- *Macbeth* ma hix *opra popolari* fis-sens strett tal-kelma. Infatti kienet ilha ma ssir f'Malta sa mill-1881 u anke ma tantx issir f'teatri stabiliti Ewropej. Waħda mir-raġunijiet, bla dubju, hi li biex tilħaqq livell tajjeb din l-opra titlob tlett primarji ta' l-iprem kwalita' sew vokalment kif ukoll xenikament.

Fil-każ ta' l-Astra din id-diffikulta' fil-fatt mhux talli ma ġietx megħluba iżda talli rriżultat bħala l-ikbar preġju ta' l-opra. Qatt ma nstemgħu f'pajjiżna tlett kantanti ta' dak il-kalibru fl-istess rappresentazzjoni. Il-koppja ewlenija, il-baritono **Mark Rucker** (Macbeth) u s-sopran **Pamela Kucenic** (Lady Macbeth), ikkumplimentaw perfettament lil xulxin, sew fir-rigward ta' timbru ta' vuċi soda, ċara, b'dinamika wiesa' ta' kulurit, kif ukoll għall-qawwa u effettivita' ta' reċitar drammatiku u fl-istess waqt intimu tagħhom. L-espressivita' u l-koordinament ta' l-emissjoni tal-vuċi mas-sentiment li, sew it-test kif ukoll il-mużika jevokaw, kienet kostanti, dettaljata, preċiża u eċċezzjonali. Xejn inqas jista' jingħad għal **Hao Jiang Tian.** Dan il-baxx jippossiedi vuċi b'timbru mill-isbaħ, b'reġistru estiż u omoġenju kif ukoll għandu presenza xenika regali mingħajr ma hi pompuża. Meta wieħed ikollu x-xorti li jassisti għall-rappreżentazzjoni lirika bi primarji ta' din il-kwalita', jifhem xi jfisser il-livell ta' solisti li jkantaw fil-*Metropolitan* ta' *New York*.

Bħal fin- ***Nabucco*** , it-tenur ma għandux parti li tispikka meta mqabbla ma' dik tat-tlett primarji l-oħra. Dan ma jfissirx, pero', li din il-parti hija inqas esiġenti rigward l-intensita' tad-drammatiċita' tagħha u rigward il-kwalita' ta' vuċi mitluba mill-partijiet l-oħra. F'din il-parti ddebutta t-tenur żagħżugħ **Joseph Calleja,** alliev ta' Paul Axiaq, tenur ta' kwalita' li għamel isem għalih u għal Malta barra minn pajjiżna, li l-prestazzjoni tiegħu tixhed għal futur promettenti u sabiħ fil-qasam tal-lirika, b'mod partikulari fil-*bel canto*. Taw is-sehem tagħhom ukoll is-sopran **Rosabelle Pavia**, it-tenur **Joseph Aquilina,** il-baxxi **Noel Galea** u **Raymond Camilleri**, u t-tfal **Justin Bonnici** u **David Farrugia** li wkoll urew preparazzjoni serja u tajba ħafna.



Ċertament li bħal fl-opri grandjużi oħra ta' Verdi, il-Kor għandu rwol ta' protagonista. Dan igħodd b'mod speċjali għal din l-opra. Fil-kaz tal-*Macbeth* , il-kawża prinċipali ta' l-azzjoni li tiżvolġi fuq il-palk huma l-"*witches*" li jinqasmu fi tlett gruppi li jiddominaw flimkien ma' Lady

*ikompli f'paġna 7*